IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2024
COM(2024) 431 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

dwar l-użu ta' persunal bil-kuntratt fl-2022

Werrej

1. Sommarju eżekuttiv 3
2. Introduzzjoni 4
a) L-ambitu tar-rapport 4
b) Persunal bil-kuntratt 4
3. Persunal bil-kuntratt f'istituzzjonijiet u aġenziji 7
4. Persunal bil-kuntratt fil-Kummissjoni Ewropea 9
a) L-evoluzzjoni fl-użu ta' persunal bil-kuntratt fil-Kummissjoni 9
b) Diżaggregazzjoni skont il-grupp ta' funzjonijiet tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni 9
c) Diżaggregazzjoni skont il-ġeneru tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni fl-2022 10
d) Diżaggregazzjoni skont in-nazzjonalità tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni .. 12
e) Diżaggregazzjoni skont id-DĠ tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni 17
5. Persunal bil-kuntratt f'istituzzjonijiet u aġenziji oħra 22
a) Introduzzjoni 22
b) Persunal bil-kuntratt fl-istituzzjonijiet l-oħra 23
c) Persunal bil-kuntratt fl-aġenziji 26
ANNESS 1 29
ANNESS 2 30

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ir-rapport dwar l-użu ta' persunal bil-kuntratt fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea fis-sena 2022 huwa ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 79(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS, Conditions of Employment of Other Servants). Ir-rapport jinkludi analiżi bbażata fuq id-*data* meħuda mill-31 ta' Diċembru 2022 minn 63 entità, inkluż il-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-Unjoni. Din hija żieda mis-60 entità koperti fir-rapport tal-2021 minħabba l-ħolqien ta' tliet Impriżi Konġunti (JUs, Joint Undertakings) ġodda: Networks u Servizzi Intelliġenti (SNS, Smart Networks and Services), Saħħa Globali EDCTP3, u Ċentru u Network Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC, European Cybersecurity Competence Centre).

Il-kategorija ta' persunal bil-kuntratt, kif definita mill-Artikoli 3a u 3b tas-CEOS, inħolqot fl-2004 u għandha rwol vitali fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE, li twettaq kompiti ta' appoġġ amministrattiv.

Meta mqabbel mal-2021, l-għadd totali ta' persunal bil-kuntratt fl-2022 żdied bi kważi 3 %.

Il-Kummissjoni rat tnaqqis żgħir ta' 0,42 % fil-persunal bil-kuntratt. Il-maġġoranza tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni (46 %) hija impjegata biex twettaq kompiti amministrattivi, konsultattivi, lingwistiċi u tekniċi ekwivalenti (GF IV). Madwar 60 % tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni huma nisa, b'mod partikolari f'kompiti amministrattivi u eżekuttivi, filwaqt li l-irġiel jinsabu minn ta' quddiem fil-kompiti manwali. L-Istati Membri kollha kienu rrappreżentati fil-gruppi ta' funzjonijiet II, III u IV.

L-għadd ta' aġenti kuntrattwali impjegati f'istituzzjonijiet oħra tal-UE ra żieda modesta ta' 1,08 % mill-2021 għall-2022, li jimmarka tnaqqis notevoli meta mqabbel mas-sena preċedenti li rat żieda ta' 12,09 % mill-2020 sal-2021. Bl-istess mod, l-aġenziji tal-UE esperjenzaw żieda ta' 9,08 % fl-2022, ħafna inqas miż-żieda osservata fis-sena preċedenti, li kienet ta' 15,31 % mill-2020 sal-2021. Il-Parlament Ewropew jimpjega l-biċċa l-kbira tal-aġenti kuntrattwali fost l-istituzzjonijiet tal-UE, fejn huwa responsabbli għal 64 % tat-total. Barra minn hekk, fl-2022, 53,7 % tal-persunal bil-kuntratt fl-aġenziji kienu impjegati f'aġenziji deċentralizzati, 41,5 % f'aġenziji eżekuttivi, u 4,7 % fil-JUs.

2. INTRODUZZJONI

a) L-ambitu tar-rapport

Dan ir-rapport huwa ppreżentat skont l-Artikolu 79(3) tas-CEOS, li jistabbilixxi li "l-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport kull sena dwar l-użu ta' persunal bil-kuntratt inkluż in-numru tal-persunal, il-livell u t-tip ta' pożizzjonijiet, il-bilanċ ġeografiku u r-riżorsi tal-estimi għal kull grupp tal-funzjoni". Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, ir-rapport jinkludi l-informazzjoni miġbura sal-31 ta' Diċembru 2022.

Dan ir-rapport jinkludi *data* għat-63 entità differenti li għalihom japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal maqsuma bejn:

a) Il-Kummissjoni Ewropea;
b) l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni kif definiti fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ħlief għall-Bank Ċentrali Ewropew[1], u l-korpi ttrattati bħala istituzzjonijiet għall-finijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, skont tal-Artikolu 1b tiegħu[2];
c) l-aġenziji, jiġifieri l-korpi li għalihom japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal skont l-atti tal-Unjoni li jistabbilixxuhom, kif previst fl-Artikolu 1a, il-paragrafu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal[3]. Dawn il-korpi jinkludu aġenziji deċentralizzati, JUs[4] u aġenziji eżekuttivi.

Id-*data* li tikkonċerna l-Kummissjoni tinkludi l-persunal bil-kuntratt kollu, jiġifieri l-persunal iffinanzjat minn linji baġitarji amministrattivi, operazzjonali u ta' riċerka kif ukoll minn dħul li jirriżulta minn Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz mal-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra[5].

b) Persunal bil-kuntratt

Il-kategorija tal-persunal bil-kuntratt nħolqot fl-2004 bħala parti mir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-persunal bil-kuntratt jagħti kontribut siewi fil-ħidma tal-

[1] "L-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma: il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Kummissjoni"), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti tal-Awdituri."

[2] "Għajr jekk ipprovdut mod ieħor f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, (a) is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ is-SEAE), (b) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, (c) il-Kumitat tar-Reġjuni, (d) l-Ombudsman Ewropew, u (e) il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-*Data* għandhom, għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, jitqiesu bħala istituzzjonijiet tal-Unjoni."

[3] "Din id-definizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tgħodd ukoll għall-persuni maħtura mill-korpi tal-Unjoni, li japplikaw għalihom dawn ir-Regolamenti tal-Persunal taħt l-atti tal-Unjoni li tistabbilixxihom (minn issa 'l quddiem "l-aġenziji"). Kull referenza għal "istituzzjonijiet" f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandha tapplika għall-aġenziji, għajr jekk ipprovdut mod ieħor f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal."

[4] Ara l-Artikolu 187 tat-TFUE.

[5] Għandu jiġi nnotat li d-*data* baġitarja (li tintbagħat kull sena lill-Awtorità tal-Baġit flimkien mal-abbozz tal-baġit - id-Dokument ta' Ħidma, il-partijiet II u III) turi l-għadd ta' persunal bil-kuntratt fiż-żmien meta jiġi ppreżentat l-abbozz tal-baġit (inkluż il-persunal bil-kuntratt rreklutat mid-dħul assenjat), jiġifieri: rendikont tal-pożizzjoni fl-1 ta' April tas-sena N-1 ("N" hija s-sena tal-abbozz tal-baġit), l-implimentazzjoni tal-baġit fis-sena N-2 u t-talbiet għall-approprjazzjonijiet bi stima bħala ekwivalenti ta' ingaġġ full-time (FTE, full-time equivalents) għas-sena N. Dan jispjega għaliex jidhru xi differenzi fl-għadd ta' persunal bil-kuntratt, skont is-sors tad-*data*. Peress li bosta linji baġitarji jinkludu approprjazzjonijiet għall-persunal estern mingħajr ma jistabbilixxu distinzjoni bejn il-kategoriji differenti ta' dak il-persunal, iċ-ċifri tal-baġit iwasslu l-aħjar stimi possibbli bbażati fuq il-medja probabbli tal-kostijiet u t-tqassim mill-ġdid bejn kategorija u oħra.

istituzzjonijiet billi jwettaq, attivitajiet ta' appoġġ amministrattiv u billi jipprovdi ħiliet li ma jkunux dejjem disponibbli faċilment fl-istituzzjonijiet b'kost aktar baxx.

L-Artikoli 3a u 3b tas-CEOS jiddefinixxu r-rwol tal-persunal bil-kuntratt u l-funzjonijiet li jista' jwettaq.

Il-persunal bil-kuntratt tal-Artikolu 3a huwa persunal mhux assenjat għal pożizzjoni inkluża fit-tabella tal-persunal tal-istituzzjoni kkonċernata u huwa ingaġġat għat-twettiq ta' dmirijiet full-time jew part-time:

- f'istituzzjoni: biex iwettaq kompiti manwali jew ta' appoġġ amministrattiv fil-grupp ta' funzjonijiet I,
- fir-Rappreżentanzi u d-Delegazzjonijiet tal-UE, għall-Aġenziji u għal entitajiet oħra: biex iwettaq il-funzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 80(2) tas-CEOS fil-gruppi ta' funzjonijiet I, II, III u IV.

Il-persunal bil-kuntratt tal-Artikolu 3a jibbenefika minn kuntratt li jista' jevolvi f'kuntratt għal żmien indefinit wara l-ewwel tiġdid, għal perjodu definit.

Il-persunal bil-kuntratt tal-Artikolu 3b (jew persunal bil-kuntratt "awżiljarju") huwa imqabbad biex jaħdem f'istituzzjoni:

- li jwettaq kompiti minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 3a(1)(a) tas-CEOS mingħajr ma jkun assenjat għal kariga inkluża fit-tabella tal-persunal tal-istituzzjoni kkonċernata, jew
- biex jissostitwixxi uffiċjal jew membru tal-persunal temporanju li jkun jinsab temporanjament inkapaċi li jwettaq dmirijietu.

Il-persunal bil-kuntratt tal-Artikolu 3b jiġi ingaġġat għal perjodu limitat, minn minimu ta' 3 xhur sa massimu ta' 6 snin.

L-Artikolu 80 tas-CEOS jistabbilixxi l-korrispondenza bejn kull grupp ta' funzjonijiet (FG) u t-tip ta' dmirijiet li għandhom jitwettqu:

Grupp ta' funzjonijiet	**Grad**	**Kompiti**
IV	13 sa 18	Kompiti amministrattivi, ta' konsulenza, lingwisti u tekniċi ekwivalenti, imwettqa taħt is-superviżjoni tal-uffiċjali jew tal-persunal temporanju.
III	8 sa 12	Kompiti eżekuttivi, kompiti ta' abbozzar, tal-kontijiet u tekniċi ekwivalenti oħra, imwettqa taħt is-superviżjoni tal-uffiċjali jew tal-persunal temporanju.
II	4 sa 7	Kompiti klerikali u segretarjali, kompiti ta' amministrazzjoni ta' uffiċċju u kompiti ekwivalenti oħra, imwettqa taħt is-superviżjoni tal-uffiċjali jew tal-persunal temporanju.
I	1 sa 3	Kompiti ta' servizz ta' appoġġ manwali u amministrattiv, imwettqa taħt is-superviżjoni tal-uffiċjali jew tal-persunal temporanju.

3. PERSUNAL BIL-KUNTRATT F'ISTITUZZJONIJIET U AĠENZIJI

L-għadd ta' persunal bil-kuntratt kompla jikber fl-2022, għalkemm b'rata kemxejn imnaqqsa meta mqabbla mas-sentejn preċedenti. L-għadd totali ta' persunal bil-kuntratt ra żieda, mill-2021, ta' kważi 3 % b'kuntrast mar-rati ta' tkabbir ta' 5 % u 7 % osservati fis-snin 2020 u 2021, rispettivament.

Fil-Kummissjoni, kien hemm tnaqqis żgħir fl-għadd ta' persunal bil-kuntratt, bi tnaqqis marġinali ta' 0.42 %, ekwivalenti għal 32 membru tal-persunal bil-kuntratt inqas. Minħabba dan it-tnaqqis u li ġew osservati biss żidiet żgħar fl-2020 u l-2021, is-sehem tal-persunal bil-kuntratt impjegat mill-Kummissjoni meta mqabbel mal-għadd totali ta' persunal bil-kuntratt kompla jonqos.

Ġiet osservata żieda żgħira f'istituzzjonijiet oħra filwaqt li ġiet osservata żieda aktar sinifikanti fl-aġenziji. Is-salarji tal-persunal bil-kuntratt fl-aġenziji huma ffinanzjati mill-baġit operazzjonali tal-aġenziji, filwaqt li l-pensjonijiet tagħhom huma ffinanzjati mill-baġit amministrattiv ġenerali tal-istituzzjonijiet (l-Intestatura VII).

L-għadd ta' aġenti kuntrattwali fil-31 ta' Diċembru kien:

Figura 1 - Għadd ta' persunal bil-kuntratt fil-Kummissjoni, f'istituzzjonijiet u f'aġenziji oħra

	2020	**2021**	**2022**
Il-Kummissjoni Ewropea	7581	7615	7583
Istituzzjonijiet oħra	3051	3420	3457
Aġenziji	4606	5311	5793
Total	**15238**	**16346**	**16833**

Figura 2 - Evoluzzjoni fl-għadd ta' persunal bil-kuntratt fil-Kummissjoni, f'istituzzjonijiet u f'aġenziji oħra

	2021 vs 2020	**2022 vs 2021**
Il-Kummissjoni Ewropea	0,45 %	–0,42 %
Istituzzjonijiet oħra	12,09 %	1,08 %
Aġenziji	15,31 %	9,08 %
Total	7,27 %	2,98 %

Figura 3 - Sehem tal-Kummissjoni, istituzzjonijiet u aġenziji oħra fl-għadd totali ta' persunal bil-kuntratt




Figura 4 - Evoluzzjoni tas-sehem relattiv tal-Kummissjoni, istituzzjonijiet u aġenziji oħra u JUs fl-għadd totali ta' persunal bil-kuntratt


	2020	2021	2022	2021 vs 2020	2022 vs 2021
Il-Kummissjoni Ewropea	49,75 %	46,59 %	45,07 %	–6,4 %	–3,2 %
Istituzzjonijiet oħra	20,02 %	20,92 %	20,54 %	+4,5 %	–1,82 %
Aġenziji u JUs	30,23 %	32,49 %	34,43 %	+7,5 %	5,9 %

4. PERSUNAL BIL-KUNTRATT FIL-KUMMISSJONI EWROPEA

a) L-evoluzzjoni fl-użu ta' persunal bil-kuntratt fil-Kummissjoni

L-għadd ta' aġenti kuntrattwali fil-Kummissjoni evolva kif ġej mill-introduzzjoni tagħhom fl-2004.

Figura 5 - Evoluzzjoni fil-Kummissjoni




b) Diżaggregazzjoni skont il-grupp ta' funzjonijiet tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni

Il-maġġoranza tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni (46 %) hija impjegata biex twettaq kompiti amministrattivi, konsultattivi, lingwistiċi u tekniċi ekwivalenti (FG IV).

Figura 6 – Persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni skont il-grupp ta' funzjonijiet

	2020	**2021**	**2022**
FG I	857	851	700
FG II	2083	2029	1994
FG III	1485	1414	1397
FG IV	3156	3321	3492
Total	**7581**	**7615**	**7583**

Figura 6a - Diżaggregazzjoni skont il-grupp ta' funzjonijiet tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni



c) Diżaggregazzjoni skont il-ġeneru tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni fl-2022

Il-biċċa l-kbira tal-persunal bil-kuntratt fil-Kummissjoni huma nisa (madwar 60 %, meta jitqiesu l-gruppi ta' funzjonijiet kollha b'mod kumulattiv). Madankollu, hemm differenzi sinifikanti skont il-grupp ta' funzjonijiet.

Id-distribuzzjoni hija relattivament ibbilanċjata fil-grupp ta' funzjonijiet IV (kompiti amministrattivi, konsultattivi, lingwistiċi u tekniċi ekwivalenti). Il-persunal femminili huwa predominanti fil-gruppi ta' funzjonijiet III (kompiti eżekuttivi) u II (kompiti klerikali u segretarjali) filwaqt li l-persunal maskili huwa predominanti fil-grupp ta' funzjonijiet I (kompiti manwali).

Id-diżaggregazzjoni tal-persunal bil-kuntratt skont il-ġeneru, il-grupp ta' funzjonijiet (FG u l-grad) u l-grad tidher fiċ-ċarts u l-figuri ta' hawn taħt.

Figura 7 - Diżaggregazzjoni skont il-ġeneru, l-FG u l-grad tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni fl-2022




Figura 8 - Diżaggregazzjoni skont il-grupp ta' funzjonijiet u l-ġeneru tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni fl-2022

2022		Nisa		Irġiel		Total
FG I	FG I 01	11	15 %	62	85 %	73
	FG I 02	40	31 %	89	69 %	129
	FG I 03	183	37 %	315	63 %	498
	FG I kollha	**234**	**33 %**	**466**	**67 %**	**700**
FG II	FG II 04	178	74 %	64	26 %	242
	FG II 05	703	80 %	173	20 %	876
	FG II 06	458	79 %	119	21 %	577
	FG II 07	253	85 %	46	15 %	299
	FG II kollha	**1592**	**80 %**	**402**	**20 %**	**1994**
FG III	FG III 08	214	63 %	125	37 %	339
	FG III 09	388	68 %	186	32 %	574
	FG III 10	183	57 %	137	43 %	320
	FG III 11	64	51 %	61	49 %	125
	FG III 12	19	49 %	20	51 %	39
	FG III kollha	**868**	**62 %**	**529**	**38 %**	**1397**
FG IV	FG IV 13	179	59 %	123	41 %	302
	FG IV 14	1029	58 %	749	42 %	1778
	FG IV 15	181	51 %	173	49 %	354
	FG IV 16	415	50 %	409	50 %	824
	FG IV 17	76	41 %	108	59 %	184
	FG IV 18	14	28 %	36	72 %	50
	FG IV kollha	**1894**	**54 %**	**1598**	**46 %**	**3492**
Total ta' persunal bil-kuntratt		**4588**	**61 %**	**2995**	**39 %**	**7583**

d) Diżaggregazzjoni skont in-nazzjonalità tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni

Ta' min jinnota li, bħal fil-każ tal-uffiċjali u l-aġenti temporanji, l-ingaġġ ta' persunal bil-kuntratt jitwettaq abbażi tal-profil meħtieġ, il-ħiliet u l-għarfien lingwistiku tal-applikanti, mingħajr kwoti skont in-nazzjonalità.

Id-diżaggregazzjoni skont in-nazzjonalità x'aktarx hija influwenzata minn taħlita ta' fatturi, b'mod partikolari l-prossimità ġeografika mal-post fejn jinsabu l-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet (għall-Kummissjoni, prinċipalment Brussell, il-Lussemburgu u Ispra), il-livelli tas-salarji u t-tul tal-kuntratti proposti. Huwa aktar probabbli li l-kandidati jaċċettaw pożizzjoni b'kuntratt għal terminu fiss jekk ikunu residenti jew qrib is-sit tal-istituzzjoni li toffrilhom impjieg, filwaqt li jitqies ukoll li t-tul tal-ewwel kuntratt huwa bħala regola ġenerali ta' sena biss.

Fl-2022, l-Istati Membri kollha kienu rrappreżentati fil-gruppi ta' funzjonijiet II, III u IV. Fl-2022–2023, il-Kummissjoni kkonkludiet pjanijiet ta' azzjoni mal-Istati Membri biex trawwem il-bilanċ ġeografiku tal-persunal tagħha, inklużi l-aġenti kuntrattwali.

Figura 9 - Diżaggregazzjoni skont in-nazzjonalità u l-ġeneru tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni fl-2022




Figura 10 - Persunal bil-kuntratt skont in-nazzjonalità u l-ġeneru fl-2022 fil-Kummissjoni

2022	Persunal femminili		Persunal maskili		Total		
FGs kollha	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem mit-total	Sehem akkumulat
IT	902	55 %	736	45 %	1638	21,6 %	22 %
BE	767	62 %	475	38 %	1242	16,4 %	38 %
FR	564	58 %	411	42 %	975	12,9 %	51 %
ES	452	56 %	352	44 %	804	10,6 %	61 %
GR	261	57 %	196	43 %	457	6,0 %	67 %
RO	266	74 %	94	26 %	360	4,7 %	72 %
PL	212	72 %	83	28 %	295	3,9 %	76 %
DE	139	52 %	126	48 %	265	3,5 %	80 %
PT	157	63 %	92	37 %	249	3,3 %	83 %
BG	97	64 %	54	36 %	151	2,0 %	85 %
HU	87	70 %	37	30 %	124	1,6 %	87 %
HR	86	72 %	33	28 %	119	1,6 %	88 %
NL	50	52 %	46	48 %	96	1,3 %	89 %
LT	56	65 %	30	35 %	86	1,1 %	90 %
SK	57	69 %	26	31 %	83	1,1 %	92 %
IE	43	57 %	33	43 %	76	1,0 %	93 %
CZ	46	61 %	29	39 %	75	1,0 %	94 %
AT	51	70 %	22	30 %	73	1,0 %	95 %
SI	43	67 %	21	33 %	64	0,8 %	95 %
FI	46	74 %	16	26 %	62	0,8 %	96 %
SE	47	77 %	14	23 %	61	0,8 %	97 %
CY	27	66 %	14	34 %	41	0,5 %	98 %
LV	30	77 %	9	23 %	39	0,5 %	98 %
EE	33	87 %	5	13 %	38	0,5 %	99 %
DK	21	66 %	11	34 %	32	0,4 %	99 %
LU	9	56 %	7	44 %	16	0,2 %	99 %
MT	10	77 %	3	23 %	13	0,2 %	99 %
oħrajn	29	59 %	20	41 %	49	0,6 %	100 %
Total	**4588**	**61 %**	**2995**	**39 %**	**7583**	**100 %**	

Figura 11 - Persunal bil-kuntratt skont il-ġeneru u n-nazzjonalità fil-grupp ta' funzjonijiet IV fl-2022

2022	Persunal femminili		Persunal maskili		Total		
FG IV	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem mit-total	Sehem akkumulat
IT	431	50 %	423	50 %	854	24,5 %	24 %
FR	266	53 %	239	47 %	505	14,5 %	39 %
ES	210	50 %	212	50 %	422	12,1 %	51 %
BE	137	53 %	121	47 %	258	7,4 %	58 %
GR	100	49 %	103	51 %	203	5,8 %	64 %
DE	82	47 %	93	53 %	175	5,0 %	69 %
PL	82	64 %	46	36 %	128	3,7 %	73 %
RO	79	65 %	42	35 %	121	3,5 %	76 %
PT	72	61 %	46	39 %	118	3,4 %	80 %
BG	48	61 %	31	39 %	79	2,3 %	82 %
HU	38	57 %	29	43 %	67	1,9 %	84 %
NL	33	54 %	28	46 %	61	1,7 %	86 %
AT	33	66 %	17	34 %	50	1,4 %	87 %
IE	27	55 %	22	45 %	49	1,4 %	88 %
LT	26	53 %	23	47 %	49	1,4 %	90 %
HR	28	60 %	19	40 %	47	1,3 %	91 %
CZ	22	54 %	19	46 %	41	1,2 %	92 %
SK	25	63 %	15	38 %	40	1,1 %	94 %
SI	25	66 %	13	34 %	38	1,1 %	95 %
FI	26	76 %	8	24 %	34	1,0 %	96 %
SE	24	73 %	9	27 %	33	0,9 %	97 %
CY	14	70 %	6	30 %	20	0,6 %	97 %
EE	16	84 %	3	16 %	19	0,5 %	98 %
DK	12	67 %	6	33 %	18	0,5 %	98 %
LV	13	81 %	3	19 %	16	0,5 %	99 %
LU	7	70 %	3	30 %	10	0,3 %	99 %
MT	7	88 %	1	13 %	8	0,2 %	99 %
oħrajn	11	38 %	18	62 %	29	0,8 %	100 %
Total	**1894**	**54 %**	**1598**	**46 %**	**3492**	**100 %**	

Figura 12 - Persunal bil-kuntratt skont il-ġeneru u n-nazzjonalità fil-grupp ta' funzjonijiet III fl-2022

2022	Persunal femminili		Persunal maskili		Total		
FG III	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem mit-total	Sehem akkumulat
IT	165	61 %	107	39 %	272	19,5 %	19 %
FR	100	57 %	74	43 %	174	12,5 %	32 %
BE	94	56 %	74	44 %	168	12,0 %	44 %
ES	96	60 %	64	40 %	160	11,5 %	55 %
GR	57	59 %	39	41 %	96	6,9 %	62 %
RO	71	76 %	23	24 %	94	6,7 %	69 %
PL	43	72 %	17	28 %	60	4,3 %	73 %
DE	33	57 %	25	43 %	58	4,2 %	77 %
PT	17	50 %	17	50 %	34	2,4 %	80 %
HR	25	76 %	8	24 %	33	2,4 %	82 %
BG	18	56 %	14	44 %	32	2,3 %	85 %
SK	17	68 %	8	32 %	25	1,8 %	86 %
HU	19	83 %	4	17 %	23	1,6 %	88 %
CZ	13	68 %	6	32 %	19	1,4 %	89 %
NL	8	44 %	10	56 %	18	1,3 %	91 %
LT	11	69 %	5	31 %	16	1,1 %	92 %
FI	10	67 %	5	33 %	15	1,1 %	93 %
SE	11	73 %	4	27 %	15	1,1 %	94 %
AT	11	85 %	2	15 %	13	0,9 %	95 %
SI	10	77 %	3	23 %	13	0,9 %	96 %
IE	7	58 %	5	42 %	12	0,9 %	97 %
LV	8	73 %	3	27 %	11	0,8 %	97 %
CY	6	60 %	4	40 %	10	0,7 %	98 %
EE	7	88 %	1	13 %	8	0,6 %	99 %
DK	3	50 %	3	50 %	6	0,4 %	99 %
LU		0 %	2	100 %	2	0,1 %	99 %
MT	1	50 %	1	50 %	2	0,1 %	99 %
oħrajn	7	88 %	1	13 %	8	0,6 %	100 %
Total	**868**	**62 %**	**529**	**38 %**	**1397**	**100 %**	

Figura 13 - Persunal bil-kuntratt skont il-ġeneru u n-nazzjonalità fil-grupp ta' funzjonijiet II fl-2022

2022	Persunal femminili		Persunal maskili		Total		
FG II	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem mit-total	Sehem akkumulat
BE	451	81 %	104	19 %	555	27,8 %	28 %
IT	253	80 %	63	20 %	316	15,8 %	44 %
FR	182	71 %	75	29 %	257	12,9 %	57 %
ES	125	76 %	40	24 %	165	8,3 %	65 %
RO	110	85 %	19	15 %	129	6,5 %	71 %
GR	91	74 %	32	26 %	123	6,2 %	77 %
PL	71	81 %	17	19 %	88	4,4 %	82 %
PT	56	89 %	7	11 %	63	3,2 %	85 %
HR	33	87 %	5	13 %	38	1,9 %	87 %
BG	29	83 %	6	17 %	35	1,8 %	89 %
HU	29	91 %	3	9 %	32	1,6 %	90 %
DE	23	79 %	6	21 %	29	1,5 %	92 %
LT	19	95 %	1	5 %	20	1,0 %	93 %
SK	15	88 %	2	12 %	17	0,9 %	94 %
CZ	11	79 %	3	21 %	14	0,7 %	94 %
NL	9	69 %	4	31 %	13	0,7 %	95 %
IE	8	67 %	4	33 %	12	0,6 %	96 %
SE	11	92 %	1	8 %	12	0,6 %	96 %
AT	7	70 %	3	30 %	10	0,5 %	97 %
FI	9	90 %	1	10 %	10	0,5 %	97 %
LV	9	90 %	1	10 %	10	0,5 %	98 %
SI	8	80 %	2	20 %	10	0,5 %	98 %
CY	7	78 %	2	22 %	9	0,5 %	99 %
EE	9	100 %		0 %	9	0,5 %	99 %
DK	6	86 %	1	14 %	7	0,4 %	99 %
LU	2	100 %		0 %	2	0,1 %	100 %
MT	2	100 %		0 %	2	0,1 %	100 %
oħrajn	7	100 %		0 %	7	0,4 %	100 %
Total	**1592**	**80 %**	**402**	**20 %**	**1994**	**100 %**	

Figura 14 - Persunal bil-kuntratt skont il-ġeneru u n-nazzjonalità fil-grupp ta' funzjonijiet I fl-2022

2022	Persunal femminili		Persunal maskili		Total		
FG I	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem tan-nazzjonalità	Persunal	Sehem mit-total	Sehem akkumulat
BE	85	33 %	176	67 %	261	37,3 %	37 %
IT	53	27 %	143	73 %	196	28,0 %	65 %
ES	21	37 %	36	63 %	57	8,1 %	73 %
FR	16	41 %	23	59 %	39	5,6 %	79 %
GR	13	37 %	22	63 %	35	5,0 %	84 %
PT	12	35 %	22	65 %	34	4,9 %	89 %
PL	16	84 %	3	16 %	19	2,7 %	92 %
RO	6	38 %	10	63 %	16	2,3 %	94 %
BG	2	40 %	3	60 %	5	0,7 %	95 %
NL		0 %	4	100 %	4	0,6 %	95 %
DE	1	33 %	2	67 %	3	0,4 %	96 %
FI	1	33 %	2	67 %	3	0,4 %	96 %
IE	1	33 %	2	67 %	3	0,4 %	96 %
SI		0 %	3	100 %	3	0,4 %	97 %
CY		0 %	2	100 %	2	0,3 %	97 %
EE	1	50 %	1	50 %	2	0,3 %	97 %
HU	1	50 %	1	50 %	2	0,3 %	98 %
LU		0 %	2	100 %	2	0,3 %	98 %
LV		0 %	2	100 %	2	0,3 %	98 %
CZ		0 %	1	100 %	1	0,1 %	98 %
DK		0 %	1	100 %	1	0,1 %	99 %
HR		0 %	1	100 %	1	0,1 %	99 %
LT		0 %	1	100 %	1	0,1 %	99 %
MT		0 %	1	100 %	1	0,1 %	99 %
SE	1	100 %		0 %	1	0,1 %	99 %
SK		0 %	1	100 %	1	0,1 %	99 %
oħrajn	4	80 %	1	20 %	5	0,7 %	100 %
Total	**234**	**33 %**	**466**	**67 %**	**700**	**100 %**	

e) Diżaggregazzjoni skont id-DĠ tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni

Il-figuri ta' hawn taħt jagħtu ħarsa ġenerali lejn id-distribuzzjoni tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni fid-Direttorati Ġenerali, is-servizzi u l-uffiċċji differenti marbuta mal-Kummissjoni[6][7], bid-distinzjoni bejn kompiti amministrattivi/konsultattivi/lingwistiċi (FG IV) u kompiti ta' appoġġ (FG III, FG II, FG I).

[6] Ara l-Anness 2 għal-lista bl-ismijiet sħaħ tad-Direttorati Ġenerali, is-servizzi u l-uffiċċji fil-31 ta' Diċembru 2022.
[7] Jekk jogħġbok innota li d-*data* ppreżentata f'din it-taqsima tirreferi għall-persunal f'attività fil-mument tal-isnapshot. Għal din ir-raġuni t-totali huma differenti mid-*data* murija fil-kapitoli l-oħra.

Figura 15 - Diżaggregazzjoni skont il-ġeneru, id-DĠ u żewġ raggruppamenti ta' FGs tal-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni fl-2022

	FG I-II-III				GFIV				IT-TOTAL TAL-FG KOLLU	
	F	M	Total	%	F	M	Total	%	Total	%
AGRI	24	5	**29**	39,7 %	24	20	**44**	60,3 %	73	**1,0 %**
BUDG	27	6	**33**	48,5 %	25	10	**35**	51,5 %	68	**0,9 %**
CdP-OSP	10		**10**	100,0 %				0,0 %	10	**0,1 %**
CLIMA	14	4	**18**	58,1 %	5	8	**13**	41,9 %	31	**0,4 %**
CNECT	33	18	**51**	35,2 %	54	40	**94**	64,8 %	145	**1,9 %**
COMM	220	91	**311**	85,4 %	31	22	**53**	14,6 %	364	**4,8 %**
COMP	32	19	**51**	100,0 %				0,0 %	51	**0,7 %**
DEFIS	11	3	**14**	51,9 %	10	3	**13**	48,1 %	27	**0,4 %**
DGT	33	16	**49**	33,6 %	69	28	**97**	66,4 %	146	**1,9 %**
DIGIT	18	13	**31**	31,3 %	21	47	**68**	68,7 %	99	**1,3 %**
EAC	25	10	**35**	68,6 %	11	5	**16**	31,4 %	51	**0,7 %**
ECFIN	8	1	**9**	9,6 %	44	41	**85**	90,4 %	94	**1,2 %**
ECHO	51	34	**85**	57,0 %	40	24	**64**	43,0 %	149	**2,0 %**
EMPL	60	18	**78**	53,4 %	42	26	**68**	46,6 %	146	**1,9 %**
ENER	26	14	**40**	75,5 %	6	7	**13**	24,5 %	53	**0,7 %**
ENV	26	5	**31**	77,5 %	5	4	**9**	22,5 %	40	**0,5 %**
EPSO	13	7	**20**	95,2 %	1		**1**	4,8 %	21	**0,3 %**
ESTAT	26	15	**41**	53,2 %	28	8	**36**	46,8 %	77	**1,0 %**
FISMA	18	3	**21**	80,8 %	3	2	**5**	19,2 %	26	**0,3 %**
FPI	30	12	**42**	33,3 %	49	35	**84**	66,7 %	126	**1,7 %**
GROW	28	12	**40**	54,1 %	22	12	**34**	45,9 %	74	**1,0 %**
HERA	4		**4**	40,0 %	3	3	**6**	60,0 %	10	**0,1 %**
HOME	23	10	**33**	76,7 %	5	5	**10**	23,3 %	43	**0,6 %**
HR	138	61	**199**	88,8 %	14	11	**25**	11,2 %	224	**3,0 %**
IAS	2	2	**4**	57,1 %	3		**3**	42,9 %	7	**0,1 %**
INTPA	112	51	**163**	14,6 %	518	438	**956**	85,4 %	1119	**14,8 %**
JRC	129	132	**261**	23,6 %	387	456	**843**	76,4 %	1104	**14,6 %**
JUST	22	7	**29**	85,3 %	3	2	**5**	14,7 %	34	**0,5 %**
MARE	27	16	**43**	68,3 %	14	6	**20**	31,7 %	63	**0,8 %**
MOVE	34	13	**47**	81,0 %	7	4	**11**	19,0 %	58	**0,8 %**
NEAR	98	43	**141**	26,7 %	210	178	**388**	73,3 %	529	**7,0 %**
OIB	610	367	**977**	97,1 %	24	5	**29**	2,9 %	1006	**13,3 %**
OIL	153	97	**250**	98,0 %	3	2	**5**	2,0 %	255	**3,4 %**
OLAF	12	5	**17**	77,3 %	1	4	**5**	22,7 %	22	**0,3 %**
OP	11	15	**26**	92,9 %	1	1	**2**	7,1 %	28	**0,4 %**
PMO	301	120	**421**	98,6 %	4	2	**6**	1,4 %	427	**5,7 %**
REFORM	21	7	**28**	43,1 %	26	11	**37**	56,9 %	65	**0,9 %**
REGIO	52	37	**89**	71,8 %	24	11	**35**	28,2 %	124	**1,6 %**
RTD	45	23	**68**	27,1 %	106	77	**183**	72,9 %	251	**3,3 %**
SANTE	47	8	**55**	59,1 %	23	15	**38**	40,9 %	93	**1,2 %**
SCIC	35	32	**67**	100,0 %				0,0 %	67	**0,9 %**
SG	22	22	**44**	83,0 %	2	7	**9**	17,0 %	53	**0,7 %**
SJ	13	2	**15**	65,2 %	6	2	**8**	34,8 %	23	**0,3 %**
TAXUD	11	7	**18**	66,7 %	5	4	**9**	33,3 %	27	**0,4 %**
TRADE	24	9	**33**	78,6 %	4	5	**9**	21,4 %	42	**0,6 %**
Total	2679	1392	**4071**	54,0 %	1883	1591	**3474**	46,0 %	7545	**100,0 %**

Persunal bil-kuntratt tal-Artikolu 3a

Figura 16 - Persunal bil-kuntratt tal-Artikolu 3a skont l-FG, il-ġeneru u d-DĠ fl-2022 fil-Kummissjoni

	FG I			FG II			FG III			FG IV				
	F	M	Total	F	M	Total	F	M	Total	F	M	Total	Total	%
AGRI	4	3	7							1	2	3	10	0,3 %
BUDG	11	4	15										15	0,4 %
CLIMA	1		1										1	0,0 %
CNECT	3	7	10										10	0,3 %
COMM	4	32	36	135	27	162	71	22	93	31	22	53	344	9,7 %
COMP	2	4	6										6	0,2 %
DEFIS	1		1										1	0,0 %
DGT	3	3	6										6	0,2 %
DIGIT	3	1	4										4	0,1 %
EAC	1	3	4										4	0,1 %
ECHO	4	1	5										5	0,1 %
EMPL	10	3	13										13	0,4 %
ENER	8	2	10										10	0,3 %
ENV		1	1										1	0,0 %
EPSO		1	1	11	6	17	2		2	1		1	21	0,6 %
ESTAT	3	2	5										5	0,1 %
FISMA	2		2										2	0,1 %
FPI	2		2				1	2	3	30	27	57	62	1,8 %
GROW	5	1	6										6	0,2 %
HERA	1		1										1	0,0 %
HR	23	24	47										47	1,3 %
INTPA	7	3	10				11	19	30	361	366	727	767	21,7 %
JRC	7	56	63										63	1,8 %
JUST	1	1	2										2	0,1 %
MARE	10	2	12							2	4	6	18	0,5 %
MOVE	5	2	7										7	0,2 %
NEAR	6	4	10				8	8	16	149	145	294	320	9,0 %
OIB	59	203	262	495	112	607	56	52	108	24	5	29	1006	28,4 %
OIL	7	25	32	119	55	174	27	17	44	3	2	5	255	7,2 %
OLAF	2	4	6										6	0,2 %
OP		10	10										10	0,3 %
PMO	6	21	27	246	55	301	49	44	93	4	2	6	427	12,1 %
REGIO	3	4	7										7	0,2 %
RTD	5	9	14							1	1	2	16	0,5 %
SANTE	7	1	8										8	0,2 %
SCIC	9	16	25										25	0,7 %
SG	6	9	15										15	0,4 %
SJ		1	1										1	0,0 %
TAXUD		1	1										1	0,0 %
TRADE	2	1	3	1	1	2				1	4	5	10	0,3 %
TOTAL	233	465	698	1007	256	1263	225	164	389	608	580	1188	3538	100,0 %

Persunal bil-kuntratt tal-Artikolu 3b

Figura 17 - Persunal bil-kuntratt tal-Artikolu 3b skont l-FG, il-ġeneru u d-DĠ fl-2022 fil-Kummissjoni

	FG II			FG III			FG IV				
	F	M	Total	F	M	Total	F	M	Total	Total	%
AGRI	10		10	10	2	12	23	18	41	63	1,6 %
BUDG	4		4	12	2	14	25	10	35	53	1,3 %
CdP-OSP	9		9	1		1				10	0,2 %
CLIMA	10	4	14	3		3	5	8	13	30	0,7 %
CNECT	15	2	17	15	9	24	54	40	94	135	3,4 %
COMM	3	1	4	7	9	16				20	0,5 %
COMP	10	3	13	20	12	32				45	1,1 %
DEFIS	6	2	8	4	1	5	10	3	13	26	0,6 %
DGT	29	13	42	1		1	69	28	97	140	3,5 %
DIGIT	5	1	6	10	11	21	21	47	68	95	2,4 %
EAC	9	2	11	15	5	20	11	5	16	47	1,2 %
ECFIN	2		2	6	1	7	44	41	85	94	2,3 %
ECHO	17	1	18	30	32	62	40	24	64	144	3,6 %
EMPL	26	2	28	24	13	37	42	26	68	133	3,3 %
ENER	7	2	9	11	10	21	6	7	13	43	1,1 %
ENV	15	2	17	11	2	13	5	4	9	39	1,0 %
ESTAT	14	4	18	9	9	18	28	8	36	72	1,8 %
FISMA	5	1	6	11	2	13	3	2	5	24	0,6 %
FPI	6	3	9	21	7	28	19	8	27	64	1,6 %
GROW	11	2	13	12	9	21	22	12	34	68	1,7 %
HERA	2		2	1		1	3	3	6	9	0,2 %
HOME	6	2	8	17	8	25	5	5	10	43	1,1 %
HR	74	16	90	41	21	62	14	11	25	177	4,4 %
IAS	1	1	2	1	1	2	3		3	7	0,2 %
INTPA	36	9	45	58	20	78	157	72	229	352	8,8 %
JRC	72	23	95	50	53	103	387	456	843	1041	26,0 %
JUST	6	3	9	15	3	18	3	2	5	32	0,8 %
MARE	3	2	5	14	12	26	12	2	14	45	1,1 %
MOVE	17	2	19	12	9	21	7	4	11	51	1,3 %
NEAR	24	5	29	60	26	86	61	33	94	209	5,2 %
OLAF	3		3	7	1	8	1	4	5	16	0,4 %
OP				11	5	16	1	1	2	18	0,4 %
REFORM	5	3	8	16	4	20	26	11	37	65	1,6 %
REGIO	13	4	17	36	29	65	24	11	35	117	2,9 %
RTD	15	4	19	25	10	35	105	76	181	235	5,9 %
SANTE	31	4	35	9	3	12	23	15	38	85	2,1 %
SCIC	26	11	37		5	5				42	1,0 %
SG	6	7	13	10	6	16	2	7	9	38	0,9 %
SJ	10	1	11	3		3	6	2	8	22	0,5 %
TAXUD	3		3	8	6	14	5	4	9	26	0,6 %
TRADE	12	2	14	9	5	14	3	1	4	32	0,8 %
TOTAL	578	144	722	636	363	999	1275	1011	2286	4007	100,0 %


5. PERSUNAL BIL-KUNTRATT F'ISTITUZZJONIJIET U AĠENZIJI OĦRA

a) Introduzzjoni

L-għadd ta' aġenti kuntrattwali li jaħdmu għall-istituzzjonijiet l-oħra żdied b'1,08 % mill-2021 sal-2022. Dan jirrappreżenta żieda marġinali, inqas miż-żidiet ta' 12,09 % osservati bejn l-2020 u l-2021 u ta' 4,56 % bejn l-2019 u l-2020.

Għall-aġenziji, iż-żieda hija ta' 9,08 %, li hija wkoll aktar baxxa miż-żidiet ta' 15,31 % irreġistrati mill-2020 sal-2021 u 12,10 % mill-2019 sal-2020.

Figura 18 - Xejriet fid-diżaggregazzjoni tal-persunal bil-kuntratt bejn istituzzjonijiet u aġenziji oħra



b) Persunal bil-kuntratt fl-istituzzjonijiet l-oħra

Il-figuri ta' hawn taħt juru d-distribuzzjoni tal-aġenti kuntrattwali f'istituzzjonijiet għajr il-Kummissjoni.

Figura 19 - Diżaggregazzjoni tal-persunal bil-kuntratt bejn l-istituzzjonijiet l-oħra fl-2022




Figura 20 - Diżaggregazzjoni skont il-ġeneru u l-grupp ta' funzjonijiet fl-istituzzjonijiet l-oħra fl-2022

	FG I			FG II			FG III			FG IV			Total
	F	M	Total	F	M	Total	F	M	Total	F	M	Total	
Il-Parlament Ewropew	227	814	1041	168	48	216	288	255	543	245	169	414	2214
